# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-24 ta' Settembru 2012

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-ICAO fir-rigward tad-Deċiżjoni dwar l-adozzjoni ta' Anness dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni għall-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa

(2012/534/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/243/UE tat-8 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni ta' Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa, u li jistabbilixxi l-arranġamenti proċedurali relatati miegħu [1] ("il-Memorandum ta' Kooperazzjoni"), daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2012.

(2) Taħt l-Artikolu 7.3(c) tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni, il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 7.1 tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni jista' jadotta annessi għall-Memorandum ta' Kooperazzjoni.

(3) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni ta' anness dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni li għandu jiżdied mal-Memorandum ta' Kooperazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-ICAO, kif imsemmi fl-Artikolu 7.3(c) tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għall-kooperazzjoni msaħħa (il-Memorandum ta' Kooperazzjoni), fir-rigward tal-adozzjoni ta' Anness dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni għall-Memorandum ta' Kooperazzjoni, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt UE-ICAO li huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. ALETRARIS

---

[1] ĠU L 121, 8.5.2012, p. 16.

*ABBOZZ*

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-ICAO**

**ta' …**

**dwar l-adozzjoni ta' anness dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni għall-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa**

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-ICAO,

Wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa (l-MoC tal-ICAO), u b'mod partikolari l-Artikolu 7.3(c) tiegħu,

Billi:

Huwa xieraq li jiġi inkluż anness dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni fl-MoC tal-ICAO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness ta' din id-Deċiżjoni b'dan huwa adottat u għandu jifforma parti integrali mill-MoC tal-ICAO.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

*Għall-Kumitat Konġunt UE-ICAO*

*Il-Presidenti*

*ANNESS*

## "ANNESS II — IS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI

1. Għanijiet

1.1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni fil-qafas tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni (MoC) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) li ġie ffirmat f'Montreal fit-28 ta' April 2011 u fi Brussell fl-4 ta' Mejju 2011.

1.2. B'mod konsistenti mal-impenn tagħhom li jiksbu livell xieraq u sostenibbli ta' sigurtà tal-avjazzjoni fuq bażi dinjija, notevolment permezz tal-Istandards u l-Prattiċi Rakkomandati (SARPs) tal-ICAO, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw mill-qrib fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

2. Kamp ta' applikazzjoni

2.1. Sabiex jilħqu l-għanijiet speċifikati fil-paragrafu 1, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw billi:

(a) ikollhom djalogu regolari dwar kwistjonijiet ta' sigurtà tal-avjazzjoni li jkunu ta' interess reċiproku;

(b) iwettqu skambju regolari ta' informazzjoni rilevanti dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni skont ir-regoli applikabbli;

(c) jipparteċipaw f'attivitajiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(d) janalizzaw, skont il-każ, il-konformità ta' Stati mal-Istandards tal-ICAO, il-ħarsien tal-Prattiċi Rakkomandati u l-implimentazzjoni effettiva ta' sistema ta' sorveljanza tas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(e) jimmonitorjaw il-konformità tal-Istati tal-UE mal-Istandards tal-ICAO, il-ħarsien tal-Prattiċi Rakkomandati u l-implimentazzjoni effettiva ta' sistema ta' sorveljanza tas-sigurtà tal-avjazzjoni;

(f) ikomplu jikkooperaw fi kwistjonijiet regolatorji u fi kwistjonijiet li jistabbilixxu l-istandards;

(g) jiżviluppaw u jipprovdu assistenza teknika;

(h) jippromwovu l-kooperazzjoni reġjonali;

(i) jiskambjaw esperti; u

(j) jipprovdu taħriġ relatat mas-sigurtà tal-avjazzjoni.

3. Implimentazzjoni

3.1. Il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma li jispeċifikaw mekkaniżmi u proċeduri miftiehma b'mod reċiproku biex jimplimentaw il-kooperazzjoni b'mod effettiv fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 2.1. Dawn l-arranġamenti ta' ħidma għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt.

4. Djalogu

4.1. Il-Partijiet għandhom jorganizzaw laqgħat u/jew telekonferenzi fuq bażi regolari biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' interess reċiproku rigward is-sigurtà tal-avjazzjoni u, fejn ikun xieraq, biex jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom.

5. Qsim ta' informazzjoni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni, ta' riċerka/studji u ta' analiżi

5.1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli tagħhom, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma li jispeċifikaw liema informazzjoni u analiżi jistgħu jaqsmu bejniethom abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz tal-programmi ta' awditjar u ta' spezzjonar rispettivi tagħhom, kif ukoll il-mekkaniżmu ta' qsim biex tkun iggarantita l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tasal mingħand il-Parti l-oħra skont l-Artikolu 6 tal-MoC.

5.2. Il-Partijiet għandhom jikkollaboraw bejniethom fl-attivitajiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni permezz tal-iskambju ta' dejta li tkun rilevanti u xierqa u ta' riċerka, studji, informazzjoni u dokumentazzjoni, u billi jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni reċiproka fil-laqgħat.

6. Parteċipazzjoni fl-attivitajiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni

6.1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan l-Anness, kull Parti għandha tistieden lill-Parti l-oħra tipparteċipa, skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti, f'attivitajiet u laqgħat relatati mas-sigurtà tal-avjazzjoni, kif xieraq, bl-għan li jkunu żgurati kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib. Il-modalitajiet għal din il-parteċipazzjoni għandhom jiġu stabbiliti fl-arranġamenti ta' ħidma miftiehma bejn il-Partijiet.

7. Kwistjonijiet regolatorji

7.1. Kull Parti għandha tiżgura li l-Parti l-oħra tkun infurmata dwar il-liġijiet, ir-regolamenti, l-istandards, ir-rekwiżiti u l-prattiċi rakkomandati rilevanti kollha tagħha li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness, kif ukoll dwar kwalunkwe modifika tagħhom.

7.2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin, b'mod f'waqtu, dwar kwalunkwe modifika proposta għal-liġijiet, ir-regolamenti, l-istandards, ir-rekwiżiti u l-prattiċi rakkomandati rilevanti tagħhom, safejn dawn il-modifiki jista' jkollhom impatt fuq dan l-Anness.

7.3. Bl-għan li jkun hemm armonizzazzjoni dinjija tar-regolamenti u l-istandards marbutin mas-sigurtà tal-avjazzjoni, il-Partijiet għandhom jinformaw lil xulxin dwar il-kwistjonijiet regolatorji tekniċi fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni matul l-istadji differenti tal-proċess tat-tfassil tar-regoli jew tal-proċess tal-iżvilupp tas-SARP, u huma jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-korpi tekniċi assoċjati, meta dan ikun xieraq.

7.4. Il-Partijiet għandhom jipprovdu lil xulxin b'informazzjoni f'waqtha dwar deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet li jaffettwaw is-sigurtà tal-avjazzjoni.

7.5. L-UE għandha, fejn xieraq, tiddjaloga mal-ICAO biex tipprovdi informazzjoni teknika f'każijiet fejn l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE twassal għal kwistjonijiet relatati mal-konformità mal-Istandards tal-ICAO u mal-ħarsien tal-Prattiċi Rakkomandati tal-ICAO.

8. Assistenza teknika

8.1. Il-Partijiet għandhom jikkoordinaw l-assistenza għall-Istati bejniethom fi sforz biex jiżguraw l-użu effettiv tar-riżorsi u jevitaw li jsir sforz doppju, u għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar proġetti u programmi ta' assistenza teknika relatati mas-sigurtà tal-avjazzjoni.

8.2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jassistu lill-Istati tal-UE u lil Stati oħrajn, skont kif jitqies xieraq, fit-titjib tal-livell ta' implimentazzjoni effettiva tagħhom tal-elementi kritiċi tas-sistemi ta' sorveljanza tas-sigurtà tal-Istati u tal-livell ta' konformità tagħhom mal-SARPs tal-ICAO. Tali kooperazzjoni għandha tinkludi l-iskambju tal-informazzjoni, l-iffaċilitar tad-djalogu bejn il-Partijiet ikkonċernati u l-koordinazzjoni ta' kwalunkwe attività ta' assistenza teknika, iżda ma għandhiex tkun limitata għalihom biss.

9. Kooperazzjoni reġjonali

9.1. Il-Partijiet għandhom jagħtu prijorità lill-attivitajiet li jkunu mmirati lejn l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tas-SARPs fejn l-approċċ reġjonali jkun joffri opportunitajiet għal iktar kosteffiċjenza u għal titjib fil-proċessi tas-sorveljanza u/jew tal-istandardizzazzjoni.

10. Assistenza min-naħa tal-esperti

10.1. Mingħajr preġudizzju għall-iskemi ta' assistenza min-naħa tal-esperti żviluppati barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jippruvaw iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' xulxin esperti b'għarfien espert tekniku f'oqsma rilevanti tas-sigurtà tal-avjazzjoni, meta jintalbu jagħmlu dan, biex dawn iwettqu kompiti u jipparteċipaw f'attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness. Il-kundizzjonijiet ta' tali assistenza min-naħa tal-esperti għandhom ikunu speċifikati f'arranġament ta' ħidma bejn il-Partijiet.

11. Taħriġ

11.1. Fejn xieraq, kull Parti għandha tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' persunal mill-Parti l-oħra fi kwalunkwe programm ta' taħriġ relatat mas-sigurtà tal-avjazzjoni li hija tipprovdi.

11.2. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-materjal marbut mal-programmi ta' taħriġ relatati mas-sigurtà tal-avjazzjoni u, fejn ikun xieraq, jikkoordinaw u jikkooperaw bejniethom fl-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ.

11.3. Fil-qafas tal-attivitajiet koperti fil-punt 9 ta' dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-iffaċilitar u l-koordinazzjoni tal-parteċipazzjoni, fi programmi ta' taħriġ, ta' apprentisti li jiġu minn Stati jew reġjuni li jkunu qed jingħataw assistenza teknika minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet.

12. Reviżjoni

12.1. Il-Partijiet għandhom jirrivedu l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness fuq bażi regolari u, skont il-bżonn, jieħdu kont ta' kwalunkwe żvilupp ta' politika jew żvilupp regolatorju rilevanti.

12.2. Kwalunkwe reviżjoni ta' dan l-Anness għandha ssir mill-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 7 tal-MoC.

13. Dħul fis-seħħ, emendi u terminazzjoni

13.1. Dan l-Anness għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tiegħu mill-Kumitat Konġunt u għandu jibqa' fis-seħħ sa meta jiġi tterminat.

13.2. L-arranġamenti ta' ħidma miftiehma taħt dan l-Anness għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħhom mill-Kumitat Konġunt.

13.3. Kwalunkwe emendament jew terminazzjoni tal-arranġamenti ta' ħidma adottati taħt dan l-Anness għandhom ikunu miftiehma mill-Kumitat Konġunt.

13.4. Dan l-Anness jista' jiġi tterminat fi kwalunkwe waqt minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet. Tali terminazzjoni għandha tkun effettiva 6 xhur wara li Parti waħda tirċievi notifika bil-miktub tat-terminazzjoni mingħand il-Parti l-oħra, sakemm in-notifika ta' terminazzjoni msemmija ma tkunx ġiet irtirata bil-kunsens reċiproku tal-Partijiet qabel ma jkun skada l-perjodu ta' sitt xhur.

13.5. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Artikolu, jekk l-MoC jiġi tterminat, dan l-Anness u kwalunkwe arranġament ta' ħidma adottat taħt dan l-Anness għandhom jiġu tterminati fl-istess waqt."